KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 11

L-Erbgħa 19 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fil-4.30 p.m.

PREŻENTI

Kienu preżenti s-Sindku Max Zammit u l-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Il-kunsill irċieva notifika mingħand il-Viċi Sindku Sarah Borg, li spjegat kif kienet għada kif ħarġet mill-isptar u għada ma tiflaħx sew, għaldaqstant hija ma setgħetx tattendi. Il-Kunsill aċċetta din in-notifika.

2. QARI TAL-MINUTI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-laqgħa preċedenti. L-ebda emenda jew korrezzjoni ma kienet mitluba.

3 HWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

3.1 Il-Kunsilliera Cachia Castelletti qajmet il-punt sabiex isir titjib fil-mod kif il-ħaddiema tal-iskema assenjati mal-Kunsill Lokali iqassmu l-korrispondenza tal-Kunsill fit-toroq tal-lokal. Hija ssuġġeriet li kull ħaddiem ikun assenjat lista speċifika ta' toroq fir-responsabilità tiegħu jew tagħha sabiex mill-ewwel ikun idenfikat xi nuqqas jew żvista f'dan ir-rigward.

3.2 Is-Sindku u l-Kunsillier Muscat it-tnejn esiġew li sabiex ikompli jittejjeb l-operat tal-Kunsill, ikun hemm iżjed serjetà, dixxiplina u dedikazzjoni fost il-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, kemm dawk impjegati direttament mal-Kunsill kif ukoll dawk tal-iskema assenjati mal-Kunsill Lokali.

4 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 10

4.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 10 tal-14 ta' Settembru 2025 kienu mgħoddija b'mod unanimu.

5 SKEMA FINANZJARJA DAWL TAL-MILIED U SKEMI/FONDI OĦRA

5.1 ***Skema finanzjarja Dawl tal-Milied 2025:*** Is-Sindku ppreżenta l-iskema finanzjarja tal-Milied 2025 mir-Reġjun Lvant li tkopri l-ispejjeż tat-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Ta' Xbiex sa massimu ta' €4,000. Is-Segretarju ppreżenta wkoll il-kwotazzjoni mirċieva mis-sur Victor Tedesco għad-dawl tal-Milied li tammonta għal €5,500. L-iskema u l-kwotazzjoni kienu approvati unanimament.

5.2 ***Finanzjament mir-Reġjun Lvant:*** Ġiet ippreżentata wkoll l-iskema ta' finanzjament mir-Reġjun Lvant ta' €15,000 sabiex issir fuq proġett wieħed fil-lokalità. Is-Sindku ppropona li dawn il-fondi jintużaw fuq il-proġett propost ta' *belisha lights* u *zebra crossing* fi Triq Testaferrata, flimkien max-xogħol preparatorju li hemm bżonn ta' mogħdija tad-dawl. Is-Sindku qal li preżentament il-kunsill diġà għandu f'idejh stima għal dan il-proġett li tqarreb il-€15,000. F'każ li l-ammont mogħti mill-iskema ma jiġix eżawrit kollu fuq dan il-proġett, il-fehma tal-Kunsill hija li tinfetaħ diskussjoni mar-Reġjun sabiex id-differenza fil-fondi ma tintilifx u tintuża fuq xi inizjattiva jew proġett ieħor.

5.3 ***Fondi tal-LESA:*** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar fl-iskema ta' fondi mill-Aġenzija tal-Infurzar Lokali (LESA) għal proġett fil-komunità. Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li fi skema preċedenti l-Kunsill kien akkwista fondi sabiex isiru *automatic bollards* fix-Xatt Ta' Xbiex sabiex tkun tista' tingħalaq it-triq b'mod faċli meta jkun hemm l-inizjattiva tas-*slow streets*. Is-Sindku kompla li dan il-proġett ma sarx għaliex it-triq fix-Xatt ma kienitx ta' kwalità tajba li tippermetti l-installazzjoni ta' dawn il-*bollards*, u għaldaqstant ikun għaqli li dawn il-*bollards* isiru ladarba ssir it-triq bħala parti mill-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt mill-GHRC. Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat biex jagħmel kuntatt mal-LESA sabiex jassigura li l-fondi li kienu nkisbu għall-iskop tal-*bollards* ma jintilfux.

6 SISTEMA TAL-PERMESSI LOKALI - TIĠDID

6.1 ***Bdil fil-mod kif titħaddem is-sistema:*** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li mill-1 ta' Jannar 2026, is-sistema tal-permessi lokali mhix se tibqa' amministrata ċentralment mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali imbgħad distribwita lill-Kunsilli, iżda se tiġi amministrata direttament minn kull Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex. Filwaqt li l-ispiża inizjali se joħroġha l-Kunsill, din l-istess spiża se tiġi rifonduta mid-Dipartiment. Huwa ppreżenta l-korrispondenza kemm mid-Dipartiment kif ukoll mill-operatur tas-sistema.

6.2 ***Il-livelli differenti skont l-ammont ta' permessi:*** L-ispiża relatata mas-sistema tvarja skont l-ammont ta' permessi li jinħarġu. Is-Segretarju ppreżenta *email* mill-operatur fejn turi kif matul l-2024, f'Ta' Xbiex inħarġu mal-1,200 permess. Dan jikkorispondi mat-tieni livell ta' spiża, ta' €2,500 fis-sena, liema livell ikopri sa 3,000 permess fis-sena. Fid-dawl taż-żieda notevoli din is-sena fl-ammont ta' permessi li l-kunsill ħareġ u antiċipazzjoni li d-domanda se tkompli tikber fis-sena li ġejja, is-Segretarju Eżekuttiv issuġerixxa li l-Kunsill japplika għat-tielet livell ta' spiża, dik ta' €3,000 li tkopri sa massimu ta' 4,999 permess.

6.3 ***Numru ta' permessi maħruġa fl-2025:*** Il-Kunsill laqa' s-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li nkarigah sabiex mill-ġdid jagħmel kuntatt mal-operatur tas-sistema sabiex jiġi mistħarreġ in-numru ta' permessi li nħarġu f'Ta' Xbiex din is-sena sal-aħħar ta' Ottubru.

7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

7.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni min-naħa tas-Sindku. Biss infetħet diskussjoni fejn il-Kunsillier Muscat qajjem il-punt li jiġi żgurat li s-servizz tal-*bulky refuse* ikun disponibbli biss għal residenti tal-lokal u mhux uffiċċji jew entitajiet kummerċjali oħra, fid-dawl ta' ċertu prassi li bdiet tiġi nnutata ta' negozji jew uffiċċji jordnaw is-servizz. Il-Kunsilliera Cachia Castelletti esprimiet ix-xewqa li mill-ġdid jitwaqqaf sotto-kumitat għall-anzjani fil-lokal kif ukoll li jsiru iżjed ħarġiet għall-anzjani.

7.2 ***Mario Naudi:*** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera tkellmu dwar is-sitwazzjoni tas-Sur Mario Naudi, ħaddiem tal-iskema assenjat mal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju tal-*Customer Care*. Is-Sur Naudi esprima x-xewqa li jaħdem b'*reduced hours* minflok il-ġurnata sħiħa tax-xogħol. Tajjeb li wieħed isemmi li s-Sur Naudi jirċievi *allowance* ikbar mill-ħaddiema l-oħra tal-iskema. Il-Kunsill qabel li

jaċċetta t-talba tas-Sur Naudi, bil-kundizzjoni li s-Sur Naudi jaħdem sas-siegħa ta' waranofsinhar u li l-*allowance* tiegħu tkun daqs il-ħaddiema l-oħrajn.

8 KORRISPONDENZA

8.1 Performance Bonus: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-korrispondenza li huwa rċieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-*performance bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill, inkluża t-*template* li trid tkun anessa. Is-Sindku ppropona li jingħata l-bonus sħiħ lill-ħaddiema kollha, madanakollu bi premessa li l-impjegati kollha juru impenn u serjetà ikbar fis-sena li ġejja. Il-kunsill laqa' din il-proposta b'mod unanimu.

9 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

9.1 Is-Sindku ssekondat mill-Kunsillier Muscat, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 109. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

10. TMIEM

10.1 Fis-7.30pm intemmet is-Seduta.

Simeon Nechev
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Konfermati: 4 ta' Frar 2026.

Max Zammit
Sindku